# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Eurican L4 suspensjoni għal injezzjoni.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Doża (ml) ta' suspensjoni fiha:

**Sustanzi Attivi:**

*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Canicola strejn 16070
Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Icterohaemorrhagiae
strejn 16069
Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Grippotyphosa strejn Grippo Mal 1540
Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp Australis u serovar Bratislava strejn 16785
Attività skont Ph. Eur.447*

* ≥ 80% protezzjoni f'hamsters

**Sustanzi mhux attivi:**

| **Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra** |
|---|
| *Potassium chloride* |
| *Sodium chloride* |
| *Potassium dihydrogen phosphate* |
| *Disodium phosphate dihydrate* |
| Ilma ghall-injezzjonijiet |

Suspensjoni opalexxenti u omoġena.

## 3. TAGĦRIF KLINIKU

### 3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb

### 3.2 Indikazzjonijiet għal użu ghal kull speċi li fuqu se jintuża l-prodott.

Immunizzazzjoni attiva ta' klieb minn età ta' 7 ġimgħat biex tipprevjeni jew tnaqqas il-mortalità, sinjali kliniċi, infezzjoni, eliminazzjoni tal-batteri, *renal carriage* u leżjonijiet fil-kliewi kkawżati minn:

- *Leptospira interrogans* serogrupp Canicola serovar Canicola,
- *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae serovar Icterohaemorrhagiae,
- *Leptospira kirschneri* serogrupp Grippotyphosa serovar Grippotyphosa, u
- *Leptospira interrogans* serogrupp Australis serovar Bratislava.

| Serogrupp / Serovar | **Indikazzjoni** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Mortalità** | **Sinjali kliniċi** | **Infezzjoni** | **Eliminazzjoni ta' batteri** | ***Renal carriage*** | **Leżjonijiet fil-kliewi** |
| Canicola / Canicola | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Icterohaemorrhagiae / Icterohaemorrhagiae | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Grippotyphosa / Grippotyphosa | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Australis / Bratislava | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni |

* Għal *Leptospira interrogans* serovar Canicola, Leptospira *interrogans* serovar Icterohaemorrhagiae u *Leptospira kirschneri* serovar Grippotyphosa il-prevenzjoni ta' mortalità u sinjali kliniċi ma ġietx murija għat-tul tal-immunità.

Bidu tal-immunità: ġimgħatejn wara t-tieni injezzjoni tal-ewwel kors ta' tilqim għall-istrejnijiet kollha.

Tul tal-immunità: mill-inqas sena wara t-tieni injezzjoni tal-ewwel kors ta' tilqim għall-istrejnijiet kollha.

## 3.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

## 3.4 Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

## 3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Applika l-proċeduri asettiċi tas-soltu.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Xejn.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

## 3.6 Ġrajjiet mhux mixtieqa

Klieb:

| | |
|---|---|
| Komuni ħafna<br>(annimal /10 annimali ttrattati): | Nefħa fis-sit tal-injezzjoni,[1] ħakk,[2] uġigħ u sħana fis-sit tal-injezzjoni,[4]. |
| Komuni<br>(1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati): | letarġija[3] , anoreksja[2] u remettar[2] li jgħaddi fi żmien jumejn, |
| Mhux komuni<br>(1 sa 10 annimal / 1,000 annimal ittrattati): | Dijarea, rogħda fil-muskoli, vokalizzazzjoni, temperatura għolja tal-ġisem,[5] rata tal-qalb mgħaġġla ħafna, u takipneja. |
| Rari<br>(1 sa 10 annimali / 10,000 annimal ittrattati): | Reazzjonijiet ta' ipersensittività (nefħa fil-wiċċ, urtikarja[6] |

[1] inqas minn 6 cm li tgħaddi fi żmien 8 ijiem

[2] li jgħaddi fi żmien jumejn,
[3] li tgħaddi fi żmien tliet ijiem
[4] li jgħaddu f'erbat ijiem
[5] massimu 39.8°C, li tgħaddi fi żmien ġurnata.
[6] li jinkludu xokk anafilattiku, li jista' jkun ta' theddida għall—ħajja Jekk ikun hemm reazzjoni bħal din, kura xierqa għandha tiġi amministrata mingħajr dewmien.

**3.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien**

Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà fi klieb tqala li tlaqqmu bil-vaċċin trivalenti kontra l-leptospirosi tal-Boehringer Ingelheim li fih *Leptospira* Canicola, *Leptospira* Icterohaemorrhagiae u *Leptospira* Grippotyphosa u turi li jistà' jintuża waqt it-tqala. Ghal Eurican L4, li fih strejn addizzjonali inattivat, *Leptospira* Australis, m'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà fi klieb tqala.

**3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja li turi li dan il-vaċċin jista' jiġi mħallat ma Eurican DAP jew Eurican DAPPi / Eurican DHPPi.
Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja li turi li dan il-vaċċin jista' jiġi amministrat fl-istess ġurnata imma mhux imħallat mar-Rabisin fi klieb minn 12 -il ġimgħa 'l fuq.
M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin meta jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ħlief dawk il-prodotti msemmija aktar 'il fuq. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ

**3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ**

Meta Eurican L4 jintuża waħdu, injetta doża ta' 1 ml taħt il-ġilda.
Meta Eurican L4 jintuża bħala dilwent ta' Eurican DAP or Eurican DAPPi / Eurican DHPPi,irrikostitwixxi b'mod asettiku l-kontenut tal-lajofilizzat mas-suspensjoni tal-vaċċin Eurican L4. Ħawwad sewwa qabel l-użu. Il-kontenut kollu tal-kunjett rikostitwit għandu jiġi amministrat bħala doża waħda.

Segwi l-iskeda li ġejja:

Tilqim tal-ewwel: Żewġ injezzjonijiet isseparati minn xulxin b'intervall ta' 4 ġimghat minn età ta' 7 ġimgħat.

Tilqim mill-ġdid: Amministra doża waħda 12 - il xahar wara t-tmiem tal-ewwel kors ta' tilqim. Klieb għandhom jiġu mlaqqma mill-ġdid b'doża waħda ta' booster fuq bażi annwali.

**3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbli, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)**

L-ebda ġrajjiet mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f'sezzjoni 3.6 ma ġew osservati wara l-amministrazzjoni ta' doża eċċessiva ta ' darbtejn. Nefħa u uġigħ fis-sit tal-injezzjoni jistgħu jippersistu
iżjed fit-tul wara doża eċċessiva. Dawn is-sintomi jgħaddu l-aktar fi żmien 22 ġurnata u 10 tijiem rispettivament.

**3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza**

Mhux applikabbli.

## 3.12 Perjodu(i) ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

# 4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

## 4.1 Kodiċi ATC veterinarja:Q107AB01

Vaċċin kontra l-*Leptospira* (inattivat) fi klieb.

Wara li jiġi amministrat, il-vaċċin jinduċi rispons ta' immunità kontra *Leptospira interrogans* serogrupp Canicola, *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae, *Leptospira kirschneri* serogrupp Grippotyphosa u *Leptospira interrogans* serogrupp Australis u Leptospira *interrogans serogrupp* Icterohaemorrhagiae serovar copenhageni leptospirosi fil-kelb  murija minn challenge. Prevenzjoni ta' mortalita', sinjali klinici, infezzjoni fil-kliewi, eliminazzjoni tal-batteri, renal carriage u leżjonijiet fil-kliewi kkawżati minn *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae serovar Copenhageni ġiet murija b'challenge ġimgħatejn wara t-tilqim. Madankollu, it- tul ta ' l- immunità kontra dan is- serovar ma ġiex stabbilit.

# 5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

## 5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief ma dawk imsemmija f'sezzjoni 3.8 hawn fuq.

## 5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: sentejn.
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament

## 5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2  C – 8° C).
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi mid-dawl.

## 5.4 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Kunjetti tal-ħġieġ tat-Tip 1bi stoppers tal-gomma chlorobutyl, isiġġillati b'għatu tal-aluminju.

Kaxxa tal-plastik ta' 10 kunjetti (ħġieġ) ta' suspensjoni (ml)
Kaxxa tal-plastik ta' 50 kunjett (ħġieġ) ta' suspensjoni (ml)

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## 5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

## 6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

## 7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/23/293/001
EU/2/23/293/002

## 8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

31/03/2023

## 9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-*data* tal-prodotti tal-Unjoni (https://medicines.health.europa.eu/veterinary).

## ANNESS II

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Xejn

**ANNESS III**

**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## A. TIKKETTA

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA’ BARRA**

Kaxxa tal-plastik ta’ 10 kunjetti tal-ħġieġ li fihom ml ta’ suspensjoni.
Kaxxa tal-plastik ta’ 50 kunjett tal-ħġieġ li fihom ml ta’ suspensjoni.

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Eurican L4 suspensjoni għal injezzjoni.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Għal kull doża (ml):
Strejnijiet tal-*Leptospira* inattivat* .................................................................. attività skont Ph.Eur.447**

**Leptospira interrogans* serogrupp u serovar Canicola, Icterohaemorrhagiae, Grippotyphosa, serogrupp Australis serovar Bratislava
**≥80% ta’ protezzjoni fil-hamsters

## 3. DAQS TAL-PAKKETT

Doża ta’10 x 1 10 x ml
Doża ta’ 50 x 1 50 x ml

## 4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb

## 5. INDIKAZZJONIJIET

## 6. MODI TA’ AMMINISTRAZZJONI

Użu taħt il-ġilda

## 7. PERJODU(I) TA’ TIŻMIM

## 8. DATA TA’ SKADENZA

Exp. {jj/xx/ss}

Ladarba jinfetaħ uża fil-pront.

## 9. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.
Tagħmlux fil-friża

Ipproteġi mid-dawl.

## 10. IL-KLIEM "AQRA L-FULJETT TA' TAGĦRIF QABEL L-UŻU"

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

## 11. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

## 12. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

## 14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/23/293/001 10 x doża
EU/2/23/293/002 50 x doża

## 15. NUMRU TAL-LOT

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

Kunjett tal-ħġieġ li fih 1 ml ta' suspensjoni

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Eurican L4.



## 2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

*Leptospira interrogans*
ml

## 3. NUMRU TAL-LOTT

Lot {numru}

## 4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {jj/xx/ss}

# B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**FULJETT TA' TAGĦRIF**

## 1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

Eurican L4 Suspensjoni għal injezzjoni.

## 2. Kompożizzjoni

Doża (ml) ta' suspensjoni fiha:

**Sustanzi Attivi:**

*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Canicola
strejn 16070........................................................................................Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Icterohaemorrhagiae
strejn 16069........................................................................................Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp u serovar Grippotyphosa
strejn Grippo Mal 1540 .......................................................................Attività skont Ph. Eur.447*
*Leptospira interrogans* inattivat serogrupp Australis u serovar Bratislava
strejn 16785........................................................................................Attività skont Ph. Eur.447*

* ≥ 80% protezzjoni f' hamsters

Suspensjoni opalexxenti u omoġena

## 3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Klieb

## 4. Indikazzjonijiet għall-użu

Immunizzazzjoni attiva ta' klieb minn età ta' 7 ġimgħat biex tipprevjeni jew tnaqqas il-mortalità, sinjali kliniċi, infezzjoni, eliminazzjoni tal-batteri, *renal carriage* u leżjonijiet fil-kliewi kkawżati minn:

- *Leptospira interrogans* serogrupp Canicola serovar Canicola,
- *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae serovar Icterohaemorrhagiae,
- *Leptospira kirschneri* serogrupp Grippotyphosa serovar Grippotyphosa, u
- *Leptospira interrogans* serogrupp Australis serovar Bratislava.

| **Serogrupp / Serovar** | **Indikazzjoni** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Mortalità** | **Sinjali kliniċi** | **Infezzjoni** | **Eliminazzjoni ta' batteri** | ***Renal carriage*** | **Leżjonijiet fil-kliewi** |
| Canicola / Canicola | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Icterohaemorrhagiae / Icterohaemorrhagiae | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Grippotyphosa / Grippotyphosa | Prevenzjoni* | Prevenzjoni* | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis | Tnaqqis |
| Australis / Bratislava | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni | Prevenzjoni |

* Għal *Leptospira interrogans* serovar Canicola, *Leptospira interrogans* serovar Icterohaemorrhagiae u *Leptospira kirschneri* serovar Grippotyphosa il-prevenzjoni ta' mortalità u sinjali kliniċi ma ġietx murija għat-tul tal-immunità.

Bidu tal-immunità: ġimgħatejn wara t-tieni injezzjoni tal-ewwel kors ta’ tilqim għall-istrejnijiet kollha.

Tul tal-immunità: mill-inqas sena wara t-tieni injezzjoni tal-ewwel kors ta’ tilqim għall-istrejnijiet kollha.

## 5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

## 6. Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f’sahhithom biss.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:
Applika l-proċeduri asettiċi tas-soltu.

Tqala:
Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà fi klieb tqala li tlaqqmu bil-vaċċin trivalenti kontra l-leptospirosi tal-Boehringer Ingelheim li fih *Leptospira* Canicola, *Leptospira* Icterohaemorrhagiae u *Leptospira* Grippotyphosa u turi li jistà’ jintuża waqt it-tqala. Ghal Eurican L4, li fih strejn addizzjonali inattivat, *Leptospira* Australis, m’hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà fi klieb tqala.

Interazzjoni ma’ prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta’ interazzjoni:
Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja li turi li dan il-vaċċin jista’ jiġi mħallat ma Eurican DAP jew Eurican DAPPi / Eurican DHPPi.

Hemm informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja li turi li dan il-vaċċin jista’ jiġi amministrat fl-istess ġurnata imma mhux imħallat mal-vaċċin Rabisin fi klieb ta’ età ‘l fuq minn 12 - il ġimgħa. M’hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta’ dan il-vaċċin meta jintuża flimkien ma’ kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ħlief dawk il-prodotti msemmija aktar ’il fuq. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b’każ

Doża eċċessiva:
L-ebda ġrajjiet mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f’sezzjoni ″ġrajjiet mhux mixtieqa″ ma gew osservati wara l-amministrazzjoni ta’ doża eċċessiva ta ' darbtejn. L-ebda ġrajjiet mhux mixtieqa ħlief dawk imsemmija f’sezzjoni 3.6 ma ġew osservati wara l-amministrazzjoni ta’ doża eċċessiva ta ' darbtejn. Nefħa u uġigħ fis-sit tal-injezzjoni jistgħu jippersistu iżjed fit-tul wara doża eċċessiva. Dawn is-sintomi jgħaddu l-aktar fi żmien 22 ġurnata u 10 tijiem rispettivament.

Inkompatibbiltajiet maġġuri:
Tħallatx ma’ ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief Eurican DAP jew Eurican DAPPi / Eurican DHPPi.

## 7. Ġrajjiet mhux mixtieqa

Klieb:

- Komuni ħafna (annimal /10 annimali ttrattati): Nefħa fis-sit tal-injezzjoni, (inqas minn 6 cm) li tgħaddi fi żmien 8 ijiem. ħakk li jgħaddi fi żmien jumejn, uġigħ u sħana fis-sit tal-injezzjoni, li jgħaddu f’erbat ijiem.

- Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati): letarġija li tgħaddi fi żmien tliet ijiem, anoreksja u remettar li jgħaddi fi żmien jumejn,

- Mhux komuni (1 sa 10 annimal / 1,000 annimal ittrattati): Dijarea, rogħda fil-muskoli, vokalizzazzjoni, temperatura għolja tal-ġisem (massimu 39.8°C li ddum l-iżjed ġurnata), rata tal-qalb mgħaġġla ħafna, u takipneja.

- Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimal ittrattati): Reazzjonijiet ta' ipersensittività (nefħa fil-wiċċ, urtikarja) li jinkludu xokk anafilattiku, li jista' jkun ta' theddida ghall-hajja. Jekk ikun hemm reazzjoni bhal din, kura xierqa ghandha tigi amministrata minghajr dewmien.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-veterinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew ir-rappreżentanti lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali:{dettalji tas-sistema nazzjonali}

## 8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Meta Eurican L4 jintuża waħdu, injetta doża ta' ml taħt il-ġilda skont l-iskeda li ġejja;

Tilqim tal-ewwel: Żewġ injezzjonijiet isseparati minn xulxin b'intervall ta' 4 ġimgħat minn età ta' 7 ġimgħat.

Tilqim mill-ġdid: Amministra doża waħda 12 - il xahar wara t-tmiem tal-ewwel kors ta' tilqim. Klieb għandhom jiġu mlaqqma mill-ġdid b'doża waħda ta' booster fuq bażi annwali.

## 9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Meta Eurican L4 jintuża bħala dilwent ta' vaċċin Eurican DAP or Eurican DAPPi / Eurican DHPPi irrikostitwixxi b'mod asettiku il-kontenut tal-lajofilizzat mas-suspensjoni tal-vaċċin Eurican L4. Ħawwad sewwa qabel l-użu. Il-kontenut kollu tal-kunjett rikostitwit għandu jiġi amministrat bħala doża waħda.

## 10. Perjodu(i) ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

## 11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.
Aħżen u ttrasporta fil-friġġ (2 °C – 8 °C).
Tagħmlux fil-friża.
Ipproteġi mid-dawl.
Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Exp.
Iż-żmien kemm idum tajjeb wara li jinfetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott għall-ewwel darba: uża immedjatament.

## 12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta’ teħid lura għar-rimi ta’ kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

## 13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fil-Bażi tad-*data* tal-prodotti tal-Unjoni (https://medicines.health.europa.eu/veterinary).

## 14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett

EU/2/23/293/001
EU/2/23/293/002

Kaxxa tal-plastik ta’ 10 kunjetti (ħġieġ) ta’ suspensjoni (ml).
Kaxxa tal-plastik ta’ 50 kunjett (ħġieġ) ta’ suspensjoni (ml).

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## 15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta’ tagħrif

## 16. Dettalji ta’ kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Il-ġermanja Ġermanja

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lot:
Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint-Priest
Franza

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta’ kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

**België/Belgique/Belgien**
Boehringer Ingelheim Animal
Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

**Lietuva**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Lietuvos filialas
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +370 5 2595942

**Република България**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Австрия
Tel: +359 2 958 79 98

**Luxembourg/Luxemburg**
Boehringer Ingelheim Animal Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

**Česká republika**
Boehringer Ingelheim spol. s r.o.
Purkyňova 2121/3
CZ - 110 00, Praha 1
Tel: +420 234 655 111

**Magyarország**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & CoKG
Magyarországi Fióktelep
Lechner Ö. Fasor 10.
H-1095, Budapest
Tel: +36 1 299 8900

**Danmark**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: + 45 3915 8888

**Malta**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, il-Ġermanja
Tel: +353 1 291 3985

**Deutschland**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Tel: 0800 290 0 270

**Nederland**
Boehringer Ingelheim Animal Health Netherlands bv
Basisweg 10
1043 AP Amsterdam
Tel: +31 20 799 6950

**Eesti**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Eesti filiaal
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austria
Tel: +372 612 8000

**Norge**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +47 66 85 05 70

**Ελλάδα**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

**Österreich**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien
Tel: +43 1 80105-6880

**España**
Boehringer Ingelheim Animal Health España, S.A.U.
Prat de la Riba, 50
08174 Sant Cugat del Vallès (Barcelona)
Tel: +34 93 404 51 00

**Polska**
Boehringer Ingelheim Sp. z o.o.
ul. Józefa Piusa Dziekonskiego 3
00-728 Warszawa
Tel.: + 48 22 699 0 699

**France**
Boehringer Ingelheim Animal Health France, SCS
29, avenue Tony Garnier
69007 Lyon
Tél : +33 4 72 72 30 00

**Portugal**
Boehringer Ingelheim Animal Health Portugal, Unipessoal, Lda.
Avenida de Pádua, 11
1800-294 Lisboa
Tel: +351 21 313 5300

**Hrvatska**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +385 1 2444 600

**România**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Sucursala Bucureşti
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austria
Tel: +40 21 302 28 00

**Ireland**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

**Slovenija**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Podružnica Ljubljana
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Avstrija
Tel: +386 1 586 40 00

**Ísland**
Vistor
Hörgatún 2
210 Garðabær
Sími: + 354 535 7000

**Slovenská republika**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG, o.z.
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Rakúsko
Tel: +421 2 5810 1211

**Italia**
Boehringer Ingelheim Animal Health Italia S.p.A.
Via Vezza d'Oglio, 3
20139 Milano
Tel: +39 02 53551

**Suomi/Finland**
Vetcare Oy
PL/PB 99
24101 Salo
Puh/Tel: + 358 201443360

**Κύπρος**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

**Sverige**
Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +46 (0)40-23 34 00

**Latvija**
Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Latvijas filiāle
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien, Austrija
Tel: +371 67 240 011

**United Kingdom (Northern Ireland)**
Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

## 17. Taghrif iehor

**Kodiċi ATC veterinarja:**Q107AB01
Vaċċin kontra l-*Leptospira* (inattivat) fi klieb.
Wara li jiġi amministrat, il-vaċċin jinduċi rispons ta' immunità kontra *Leptospira interrogans* serogrupp Canicola, *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae, *Leptospira kirschneri* serogrupp Grippotyphosa u *Leptospira interrogans* serogrupp Australis u Leptospira *interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae serovar Copenhageni leptospirosi fil-kelb murija minn challenge. Prevenzjoni ta' mortalita', sinjali klinici, infezzjoni fil-kliewi, eliminazzjoni tal-batteri, *renal carriage* u leżjonijiet fil-kliewi kkawżati minn *Leptospira interrogans* serogrupp Icterohaemorrhagiae serovar Copenhageni ġiet murija b'challenge ġimgħatejn wara t-tilqim. Madankollu, it- tul ta ' l- immunità kontra dan is- serovar ma ġiex stabbilit.